

Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11549/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0102(COD)

CODEC 1364
JEUN 91
EDUC 299
EMPL 392
SOC 492
SPORT 45
COHAFA 66
PROCIV 55
COMPET 552
ECOFIN 777

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 294, 166 par 4 u 165 par 4 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ottubru 2017².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat.

¹ 9845/17.

² ĠU C 81, 2.3.2018, p. 160.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-11 ta' Settembru 2018. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fid-dokument PE-CONS 47/18 bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bid-delegazzjoni Pollakka tastjeni;
 - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum 1 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 11487/18.